MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 15/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Ernest Briffa u**
**Robert Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Ernest Briffa ta’ 24 sena iben Joseph Mary u Veneranda nee Polidano, imwieled Ħ’Attard fis-27 ta’ Frar, 1979 residenti Flat 2 Triq il-Qastan Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 120279 (M)

U

Robert Galea ta’ 22 sena iben Joseph u Mary Grace nee Dalli, imwieled il-Pieta’ fit-8 ta’ Mejju 1981 u residenti 3 Triq il-Marloġġ Żejtun (u qabel Flat 2 Triq il-Qastan Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 229581 (M).

Akkużati talli f’dawn il-Gżejjer fil-25 ta’ Mejju 2003 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

(a) kellhom fil-pussess tagħhom d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b’xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess tiegħhom u naqsu milli jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom.

Ernest Briffa waħdu akkużat talli:

(b) kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta (Maġistrat T. Micallef Trigona) fit-8 ta’ Ġunju 2001

Robert Galea waħdu akkużat talli:

(c) kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta (Maġistrat Dr. N. Cuscieri) fit-8 ta’ Frar 2001.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordnijiet ta’ l-Avukat Ġenerali kontra ż-żewġ imputati mogħtija fil-11 ta’ Awissu 2003; iċ-ċertifikati tat-twelid ta’ l-imputati li jġibu n-numri 1202 tas-sena 1978 u 2295 tas-sena 1981 u li għal hekk jaqblu man-numru ta’ l-ID card mogħti; il-fedina penali ta’ Ernest Briffa (fol 7); il-fedina penali ta’ Robert Galea (fol 8); l-eżenzjoni tad-difiza illi biha ddikjarat illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ttella’ xhieda li jikkonfermaw il-volontarjeta’ ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat; l-istqarrijiet ta’ Ernest Briffa a fol 13 u 14; l-istqarrija ta’ Robert Galea a fol 15 u 16; il-ħatra ta’ l-ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analizi meħtiega (fol 19); it-talba tad-difiża sabiex Ernest Briffa ikun taħt direzzjoni ta’ Probation Officer (fol 25); is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ‘Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Robert Galea’ (fol 37); ir-relazzjoni ta’ l-ispiżjar Mario Mifsud minn fol 41 sa 69; u il-verbal li fih il-process tħalla għas-sentenza.

Ikkonsidrat.

Illi skond is-Suprtendent Neil Harrison fil-25 ta’ Mejju 2003 għall-habta tat-3.30pm xi membri tal-pulizija kienu waqqfu lill-imputati f’road check sabiex jiċċekkjaw il-liċenzja tagħhom. Żewġ pulizija marru fid-dar gewwa Marsascala u hemm nnutaw li kien hemm diversi oġġetti konnessi mad-droga u għaldaqstant ssejħu membri tad-drug squad biex jagħmlu l-investigazzjonijiet min-naħa tagħhom. Marru fuq il-post PC 213 Nicolai Borg u PC 1183 Oliver Borg (fol 11) fejn sabu diversi affarijiet u anke qratas. Kien hemm diversi siringi li parti minnhom kienu jidhru użati u xi foil.

L-istqarrija ta’ l-imputat Ernest Briffa

Dan qal illi fi tmiem il-ġimgħa Robert Galea kien qed imur għandu joqgħod u fl-aħħar ħmistax kien joqgħod kuljum għandu. Il-post kien mikri għal LM80 fix-xahar u kien iħallsu kollu Ernest Briffa. Kien ilu ma jaħdem ħmistax u

kien qed jirreġistra. Huwa qal li l-affarijiet kollha li elevaw il-pulizija kienu tiegħu u ta’ Robert Galea. Waħda mis-siringi kien użaha l-imputat stess il-jum ta’ qabel. Dwar l-eroina hu qal li kien ilu wieqaf għax kien qed jieħu l-methadone u kkalkula li kien ilu xi sitt xhur wieqaf. Dwar il-pakketti u l-boroż li nstabu qal li dawn kienu inxtraw il-jum ta’ qabel stess jiġifieri inxtraw fil-25 ta’ Mejju 2003 u kienu marru hu u l-imputat l-ieħor flimkien u ħarġu kull wieħed xi LM20 jew LM25.

Meta kien mistoqsi jekk kienux xtraw sħaħ jew maqsuma f’pakketti, l-imputat qal li aħna xtrajniehom kif sibtuhom. Huwa nnega li kien ser ibiegħ xi ħaġa minnhom. Huwa qal ukoll li mhux l-ewwel darba li kien jieħu u jkollu jarmi xi wieħed mill-pakketti.

<u>Stqarrija ta’ Robert Galea</u>

Robert Galea qal li dawn l-aħħar tliet ġimgħat kien joqgħod għand Ernest Briffa ġewwa Marsascala u kien bħal issa wieqaf mix-xogħol. Huwa qal li l-qratas bid-droga kienu tiegħu u ta’ Ernest. Is-sirigni pero ma kienux tiegħu. Hu kien għadu ma ħariġx flus tagħha u kien ser iħallas lil Ernest iktar tard (fol 16). Huwa qal li kien ilu ma jieħu l-eroina xi sitt xhur għax kien qed jieħu l-mistura. Huwa ma kienx jaf meta inxtraw il-pakketti li sabu l-pulizija. Mistoqsi kif kienu xtrawhom jekk hux sħaħ jew imqassmin, huwa qal li kien rahom kif sabuhom il-pulizija. Meta kien mistoqsi jekk kienux ser jużaw id-droga li kienu sabu l-pulizija, huwa qal li mhux suppost. Meta kien mistoqsi għalfejn kienu xtraw dawk il-pakketti kollha, l-imputat għażel li ma jirrispondix.

Xehed PS 951 Joseph Tonna li kkonferma l-volontarjeta’ ta’ l-istqarrija.

Xehed is-Supretendent Neil Harrison illi ġab l-oġġetti kollha li kienu misjuba.

Xehed PC 1476 Kevin Galea. Dan qal illi kien nnota li l-liċenzja ma kinitx rinnovata u lanqas kellu insurance is-sewwieq Robert Galea. Dwar l-ID huwa qal li kienet fid-

dar ta’ sieħbu. Malli daħlu sabu ċertu affarijiet li kellhom x’jaqsmu mad-droga bħal siringi, foil u kien hemm anke stoċċ blu li fih kien hemm xi 4 kantunieri li jissejjħu kantunieri tad-droga u anke xi sustanza ta’ kulur kannella.

Xehed PC 213 Nicolai Borg li qal li kienu marru fir-residenza Flat 2 Triq il-Qastan Marsacala u elevaw bott ta’ l-M&M li kien fih tliet pakketti sachets zgħar u wieħed sachet kbir fil-foil u tliet kantunieri bi trab kannella wkoll. Kienu elevaw żewġ bottijiet oħra għal li jista’ jkun għax raw qisu xi traċċi.

Xehed ukoll PC 1183 Oliver Borg li qal li kien mar ma PC 213 fuq il-post fejn fost affarijiet li nstabu kien hemm bott kbir ta’ l-M&M li kien fih diversi qratas uħud zgħar u uħud kbar u boroż tal-plastic li kien fihom l-eroina, żewġ boroż b’xi traċċi, xi siringi, uħud minnhom użati u xi foil.

Xehed l-ispiżjar Mario Mifsud li kkonstata illi kienu nstabu traċċi ta’ sustanza eroina fiż-żewġ tubi tal-plastic aħmar li kien hemm fid-dokument 128/05/03;
Li s-sustanza kannella li kien hemm fit-tliet boroż u fit-trab il-kannella li kien hemm fl-erba’ qratas li kien hemm fid-dokument 128/05/02 kien hemm totali ta’ 0.660 grammi u fihom instabet is-sustanza eroina.

Xehed ukoll PC 921 David Sciberras illi qal li kienu nnutaw il-mutur misjuq minn Robert Galea li ma kellux dawl fuq wara u ma kellu ebda ID fuqu. Huma marru fil-flat fi Triq il-Qastan Marsascala u x’ħin daħlu osservaw li kien hemm xi siringi u kienu infurmaw lid-drug squad.

Xehed ukoll PC 213 Nicolai Borg li għaraf l-esebiti.

L-ispettur Josric Mifsud għaraf is-sentenza a fol 37 fl-ismijiet ‘Pulizija vs Robert Galea’ u għaraf lill-imputat minħabba li l-ispettur kien l-uffiċjal prosektur.

<u>Xhieda difiża</u>

Xehed l-imputat Ernest Briffa li kkonferma bil-ġurament l-istatement li kien għamel quddiem il-pulizija. Huwa

spjega li dak iż-żmien kellu l-vizzju u anke kien imur id-Detox. Huma kienu sabulhom qishom sitt qratas bejniethom. Huma qal li jekk sitt pakketti huma ħafna għall-pulizija, fil-verita' min jieħu d-droga għalih dawk mhux kwantita' kbira (fol 86). Huwa qal li anke gieli nofshom tarmi peress li ma tkunx tista' ssib il-vina. Sa llum għadu jrid imur l-isptar biex ineħħi t-tbajja' illi kellu dak iz-zmien.

Hu kien qiegħed id-dar meta ġara l-każ u Robert Galea kien mar jixtri xi drinks. Waqqfuh tat-traffic, talbu l-ID card u ġew il-pulizija tat-traffic fil-flat. Il-pulizija ħarsu lejn il-komodina u marru fil-komodina l-oħra u sabu s-siringi għax dawn kienu lesti biex jeħduhom huma. Fetaħ il-kexxun tal-komodina stess u sab il-pakketti ta' l-eroina. Il-pulizija sabuhom f'pakketti. Mistoqsi kif kienu xtrawhom, huwa qal li kif kienu, anzi qal lanqas kwazi tagħti kaz ġo xiex ikunu dawn. Il-foil ħaduh mill-kċina u l-bqija' ma sabu xejn iktar. Is-siringi kienu barra f'post wieħed. Kien hemm l-użati tagħhom. Bħal issa kien ilu sena u xahar wieqaf milli jieħu d-droga. Huwa qal li bil-flus qatt ma biegħ droga u bla flus jaħseb li ħadd ma ser jagħmilha. Huwa rega' tenna li kellu problema ta' użu huwa stess u d-droga li sabu l-pulizja kienet biex jeħodha hu stess. Dan biex ifieq x'ħin iqum filgħodu. Tal-mobile kienu ġew bil-lejl. Biex jgħaddilek l-uġiegħ tieħu lilha. Bħal issa kien sab ħafna għajnuna.

Fil-kontro eżami huwa qal li dak iz-zmien kien jirreġistra u jieħu r-relief u kien jagħmel xi xogħolijiet, daqqa jmur ma persuna u daqqa ma oħra. Dak iż-żmien hu kien ġieli jmur ma Cutajar Transport biex idaħħal xi ħaġa u jkun jista' jiffinanzja l-vizzju tiegħu tad-droga (fol 93). Meta kien mistoqsi mill-prosekuzzjoni kif kienu xtrawhom huwa qal li dawn kienu xtrawhom flimkien. Huwa qal li għal persuna waħda kien hemm ammont mhux ħazin pero' għal tnejn, xejn specjali. Hu kkoreġa ruħu u qal li lanqas għal persuna waħda. Pero' baqa' jinsisti li kienu marru għal tnejn u kienu marru flimkien u xtraw mingħand l-istess persuna. Il-prosekuzzjoni ġibditlu l-attenzjoni li din id-droga kienet ser sservih għal gurnata jew tnejn. X'kien ser jagħmel wara? L-imputat qal li kellu l-methadone ukoll

dak iż-żmien (fol 96). Huwa kien jieħu l-methadone u jieħu wkoll l-eroina. L-imputat qal ukoll li biex jiffinanzja dan il-vizzju kien jaħsel il-karozzi wkoll. Ommu u missieru ġieli tawh flus speċjalment l-omm bil-moħbi tal-missier. Ommu saħansitra ħallsitlu l-flus ta' l-avukat.

Il-Probation Officer Victoria Grech kellha rapport posittiv ħafna fuq l-imputat Ernest Briffa. Hija qalet li kien qed jaħdem regolari u kien hemm differenza mill-bidu fejn anke kellu jidħol sitt ġimgħat id-DDU ta' Mount Carmel.

Xehed l-imputat l-iehor Robert Galea illi spjega illi hu u Ernest Briffa kienu ħbieb u dak iż-żmien kienu jieħdu d-droga. Jieħdu filgħodu u filgħaxija. Hu qal li jekk ikollok naqra demm, id-droga tarmieha. Huwa qal li qatt ma kien biegħ xi droga. U lanqas il-pakketti li kien hemm ma kellu l-ebda intenzjoni li jbiegħhom. Huwa qal li kienu xtrawhom it-tnejn flimkien, il-pakketti li sabu l-pulizija u xtrawhom kif sabuhom il-pulizija.

Fil-kontro eżami, il-prosekuzzjoni qratlu l-istqarrija kollha u inġibditlu l-attenzjoni li dak iż-żmien huwa kien qal lill-pulizija li kien ilu ma jieħu l-eroina xi sitt xhur. Huwa qal li dak iż-żmien kien qal hekk għax kien beża'. Mitlub jispjega l-biża', l-imputat qal li ma jafx għaliex. A fol 112 huwa qal illi lill-pulizija kien ġidbilha għax fil-fatt kien qed jieħu l-eroina. U kien jieħu darba jew darbtejn kuljum xi pakkett ta' l-ghaxar liri. Huwa qal li kienet tgħinu ommu wkoll finanzjarjament, daqqa tagħtih LM10 u daqqa hekk.

Reġgħet xehdet Victoria Grech fuq Robert Galea u qalet li l-imputat kien għaddej sew u kien waqaf mill-medikazzjoni. It-testijiet dejjem rriżultaw fin-negattiv u qatt ma ġab skuża meta intalab isir it-test.

<u>Trattazzjoni</u>

Il-prosekuzzjoni insistiet fuq il-fatt li kienu nstabu xi qratas żgħar u wieħed ikbar u instabu xi siringi u xi foil (fol 135). Huwa qal li l-imputat kien ilu hemm hekk 5 xhur iħallas Lm80 bħala kirja u kien ilu ma jaħdem xi ħmistax. Huwa qal li d-droga kienet tagħhom, taż-żewġ persuni u ċaħad li

kien jieħu d-droga. Huwa qal li kien ilu ma jieħu droga xi sitt xhur.

Robert Galea kien qal li kien ilu ma jaħdem xahar u li d-droga kienet għall-użu personali. Meta kien mistoqsi għala kien xtara dik il-kwantita' tad-droga, huwa għazel li ma jirrispondix.

Il-prosekuzzjoni baqa' jgħid li l-ammont ta' qratas li kien hemm juri li ma kienx għall-użu personali u kif setgħu imantnu dan il-vizzju meta ma kienux qed jaħdmu. Lanqas bl-impieg ma kien ikun biżżejjed biex iżżomm dan il-habit

Id-difiża, l-avukat Dr. Michael Sciriha qal illi fil-każ ta' Ernest Briffa assolutament ma hemmx l-elementi ta' pussess aggravat. Dan kien kaz ta' users u bħala users kienu xtraw id-droga. Qal ukoll li kellu l-familja backing him il-ħin kollu. Għal hekk ma humiex ċirkostanzi univoċi u konkordanti. F'dan il-każ l-iktar ħaġa tista' tkun li jkun hemm sharing. Għalkemm lanqas dan il-każ ta' sharing ma hemm u ebda akkuża ta' traffikar.

Dr. Cutajar tkellem għal Robert Galea illi qal li jaqbel perfettament ma dak li kien qal il-kollega tiegħu. Waqt l-interrogazzjoni dak li jkun jipprova jagħmel minn kollox biex jgħid l-inqas u forsi kienet din ir-raġuni għala lill-ispettur ma kienx qallu li qed jieħu d-droga meta fil-fatt kien qed jieħu. Jidher li dak iż-żmien kien imbezza'. Huwa spjega wkoll li ommu kienet tgħinu finanzjarjament.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Bħala provi dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qegħda tistrieħ prinċiplament fuq il-kontenut ta' tliet boroż u erba' qratas li kien fihom 0.66 grammi ta' eroina u li nstabu fil-flat fejn kienu qegħdin joqogħdu flimkien iż-żewġ imputati. Il-qratas u l-boroż għandhom piż li jvarja bejn 0.048 u 0.150 grammi. Il-Prosekuzzjoni insistiet ukoll li l-imputati ma kellhomx finanzi biżżejjed biex iżommu l-vizzju tagħhom u allura argumentat li bilfors kienu xtraw dik id-droga b'intenzjoni ta' spaċċjar.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat il-pussess sempliċi għaliex l-imputati dan ammettewh kemm fl-istqarrijiet li għamlu (ara per eżempju: 'L-affarijiet huma kollha tiegħi u ta' Robert Galea) (fol.14) u li dawn kienu nxtraw il-jum ta' qabel kif ukoll dak li stqarrRobert Galea a fol.16: Il-qratas u l-boroż bid-droga huma tiegħi u ta' Ernest).

Barra dan meta xehdu ż-żewġ imputati huma ammettew li kellhom problema tad-droga. Anzi imputat minnhom qal li jekk għall-Pulizija dan l-ammont kien ħafna, għal min jabbuża regolarment l-ammont lanqas kien biżżejejd għal persuna waħda.

Huwa tassew li Robert Galea biddel xi ftit mill-istqarrija tiegħu meta xehed għaliex fl-istqarrija kien qal li kien ilu ma jieħu l-eroina xi sitt xhur waqt li fuq il-pedana tax-xhieda tkellem mod ieħor. Dwar dan inġibditlu l-attenzjoni mill-Prosekuzzjoni u l-imputat spjega li waqt l-interrogatorju bilfors li jkun hemm xi ftit tal-biża' u allura ma kienx qal il-verita' kollha lill-Ispettur.

Il-Qorti kkonsidrat li l-ammont kien intiż għal tnejn min-nies, li dawn kienu jabbużaw mid-droga kif qalu u xehdu huma stess u kif irrapurtat ukoll il-Probation Officer likeineu qed tieħu ħsieb il-każ tagħhom.

Barra dan huma ppruvaw fuq bażi ta' probabilita' li kien ikollhom xi dħul jew minn xi biċċa xogħol 'l hawn u u 'l hemm kif ukoll minn xi għajnuna finanzjarja min tal-familja.

Abbażi ta' dan kollu, il-Qorti qed tqis li l-pussess kien wieħed **serju** iżda m'hemmx prova biżżejjed li kien hemm pussess aggravat. Għalhekk il-Qorti mhux issib liż-żewġ imputati ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni kif redatta iżda qed issibhom ħatja ta' pussess sempliċi (iżda serju) – reat li huwa komrpiż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

Imputazzjoni kontra Ernest Briffa

Skond il-fedina penali l-imputat kellu jgħaddi tliet snin taħt Probation mit-18 ta' Ġunju 2001. Għaldaqstant, peress li

r-reat seħħ fil-25 ta’ Mejju 2003, ma kinux għaddew it-tliet snin. Iżda l-Qorti tinnota li qatt ma kienet ippreżentata s-sentenza kif ukoll li ma teżisti ebda eżenzjoni dwar dan min-naħa tad-difiża. Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lil dan l-imputat minn din l-imputazzjoni.

Imputazzjoni kontra Robert Galea.

L-ordna tal-Probation saret fit-8 ta’ Frar 2001 u kellha ddum sentejn waqt li r-reat seħħ fil-25 ta’ Mejju 2003. Dan ifisser li r-reat seħħ wara li kien għadda l-perjodu kollu tal-Probation u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, la-rtikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 li kien għadu fis-seħħ meta l-imputati ngħataw l-Ordni ta’ Probation u li baqa’ jgħodd għalihom minħabba l-artikolu tranżitorju numru 28 tal-Kap 446 issib lill-imputati mhux ħatja ta’ l-ewwel imputazzjoni kif redatta kontrihom iżda ssibhom ħatja ta’ pussess sempliċi, reat kompriż u involut f’din l-imputazzjoni u qed tilliberahom mit-tieni imputazzjoni dedotta kontra kull wieħed minnhom.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-fedina penali mhix nadifa kif ukoll li l-ammont ta’ droga li nxtrat huwa ta’ ċertu perikolu u għalhekk qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati iħallas multa ta’ 500 Euros (Lm215) liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ 100 Euro kull imputat fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ irid jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallsx din tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Euros li ma jitħallsux jew skond ir-rata (jekk aktar favorevoli) lit kun stabbilita bil-Liġi minn żmien għal żmien.

Ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati jħallas nofs l-ispejjeż marbutin mal-ħatra ta’ espert jiġifieri Lm26 (Euros 60.56) kull wieħed.

Il-Qorti qed todna d-distruzzjoni ta’ l-esibiti taħt il-ħarsein tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------